**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 18 ta' April, 2018**

Numru 4

**Rikors Guramentat Nru. 1167/2016**

**Hydrotech Malta Limited**

**vs**

**Boat Maintenance Malta Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-26 ta' Dicembru, 2016 li jghid hekk:

1. Illi bhala parti mill-operat taghha, is-socjeta attrici taghmel xoghlijiet ta' manutenzjoni, tiswijiet u installazzjonijiet godda fuq mezzi tal-bahar;

2. Illi s-Sur Trevor Woodfine huwa azzjonista u direttur tal-istess socjeta;

3. Illi certu David Sammut, li huwa azzjonista u direttur tas-socjeta konvenuta avvicina lis-socjeta attrici sabiex taghmel xi xoghlijiet fuq il-bastiment 'Gold Finder';

4. Illi dawn ix-xoghlijiet kienu jikkonsistu fil-bini u installazzjoni ta' sistema idrawlika, il-bini u refitting ta' hauler inkluz il-valvi idrawlici u bazi tal-hadid galvanizzat, il-fabrikazzjoni u l-istallazzjoni ta' roller u l-istallazzjoni ta' clutch u pompa idrawlika fuq quddiem tal-magna;

5. Illi fuq dan ix-xoghlijiet hadmu Trevor Woodfine, Pierre Debono, Ryan Curmi, Richard Manistalco u persuni ohra;

6. Illi x-xoghlijiet kollha tlestew fil-hin u gew ittestjati mis-socjeta attrici u accettati mis-socjeta konvenuta;

7. Illi s-socjeta konvenuta hallset l-ewwel fattura izda naqset milli thallas ir-rimanenti fatturi (annessi u mmarkati bhala Dok. HM1);

8. Illi l-bilanc dovut mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici huwa ta' €19,085.07;

9. Illi kien is-Sur David Sammut innifsu, rapprezentant tas-socjeta konvenuta, illi s-socjeta konvenuta kien bi hsiebha thallas izda kienet qed tistenna xi flus. Fl-ebda hin qabel inbdew dawn il-proceduri ma kien hemm ilment fuq ix-xoghlijiet;

10. Illi ghaldaqstant is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' dsatax-il elf hamsa u tmenin ewro u sebgha centezmi (€19,085.07), oltre l-imghax legali dekorribli skond il-ligi, liema somma hija ma hallsitx minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex taghmel dan;

11. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-istess socjeta attrici jikkonkorru l-elementi preskritt mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh billi fil-fehma tal-istess socjeta attrici, is-socjeta konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talb ghall-hlas tal-imsemmi ammont;

12. Illi s-Sur Trevor Woodfine ghan-nom tas-socjeta rikorrenti jiddikjara illi jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex tiddeciedi billi:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' dsatax-il elf hamsa u tmenin ewro u sebgha centezmi (€19.085.07);

3. Tordna lis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici s-somma ta' dsatax-il elf hamsa u tmenin ewro u sebgha centezmi (€19.085.07).

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru u bl-imghax legali dekorribli skond il-ligi kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi primarjament in-nullita tar-rikors promotur stante li s-socjeta rikorrenti mhux debitament rapprezentata kif rikjest mill-Memorandum u l-Articles of Association tal-istess socjeta attrici u ghalhekk ir-rikors promotur mhux mahluf kif trid il-ligi;

2. Illi s-socjeta attrici qieghda tippretendi hlasijiet ghall-xoghol li ma sarux skond is-sengha u l-arti u dan hekk kif ser jirrizulta ahjar fil-kors tal-provi f'din il-kawza;

3. Fil-tieni lok u bla pregudizzju l-valur tax-xoghlijiet esegwiti mis-socjeta attrici ghas-socjeta esponenti, huwa ferm oltre dak miftiehem bejn il-partijiet kontendenti u addirittura huwa oltre l-valur fuq is-suq lokali relattiv ghall-istess tip ta' xoghlijiet u fi kwalsiasi kaz l-ammont mitlub huwa ferm eccessiv;

4. Illi fil-kumplament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi;

Ghaldaqstant is-socjeta esponenti titlob u bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet attrici fil-konfront taghha, bl-ispejjez kontra l-istess.

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza titratta talba ghall-hlas ta' servizzi ta' manutensjoni, tiswijiet u installazzjonijiet moghtija mis-socjeta attrici, fuq il-bastiment "Gold Finder", a bazi ta' ftehim li tghid li kellha ma' David Sammut ghan-nom tas-socjeta konvenuta. Is-socjeta attrici ssostni illi filwaqt illi thallset tas-servizzi moghtija minnha kif rizultanti mill-ewwel fattura li ggib referenza HTM2016-GF01, ghad fadal pendenti l-bilanc ta' €19,085.07, kif rizultanti mit-tliet fatturi HTM2016-GF02 – HTM2016-GF04 (ilkoll esebiti bhala Dok. HM1 a fol. 6 – 9 tal-process).

Min-naha l-ohra, s-socjeta konvenuta ssostni li r-rikors promotur huwa null in kwantu s-socjeta attrici mhix debitament rapprezentata kif stabbilit mill-istess Memorandum and Articles of Association taghha; li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti; li x-xoghlijiet ezegwiti huma ferm oltre dak miftiehem bejn il-partijiet kontendenti fil-kawza, u li l-ammont mitlub huwa eccessiv; kif ukoll li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**Provi**

Mill-provi in atti jirrizulta illi, David Sammut ghan-nom tas-socjeta konvenuta, inkariga lis-socjeta attrici twettaq xi xoghlijiet fuq il-bastiment Gold Finder. Trevor Woodfine, ghan-nom tas-socjeta attrici xehed permezz ta' affidavit, illi wara li Sammut ftiehem fuq ir-rati, hu flimkien ma' tliet haddiema ohra bdew jahdmu fuq ix-xoghlijiet mehtiega. Woodfine jispjega li x-xoghlijiet twettqu fil-hin u gew ippruvati li jahdmu sew. Filwaqt li s-socjeta konvenuta hallset il-fattura ghall-ewwel inkarigu moghti lis-

socjeta attrici, hija ma hallsitx il-bilanc dovut. David Sammut ghan-nom tas-socjeta konvenuta kien informa lil Woodfine li kien qieghed jistenna li jaslulu xi flus sabiex ikun f'posizzjoni li jhallas, izda qatt ma lmenta mieghu fuq il-prezz jew fuq il-kwalita tax-xoghol. Kien biss permezz t'ittra mill-avukat tas-socjeta konvenuta, li gie infurmat ghall-ewwel darba li l-flus mitluba ma kenux dawk miftehma fil-bidu. Minkejja li ntalab il-hlas, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti, li wassal ghall-proceduri odjerni.

Ix-xoghlijiet mwettqa mis-socjeta attrici kienu erbgha, elenkati bhala s-segwenti:

- *Setting up of a hydraulic system* (fattura a fol.6 datata 30 ta' Gunju, 2016, u ritratti relattivi esebiti bhala Dok. TW1 a fol. 58 tal-process)*;*

Din kienet l-ewwel bicca xoghol li thallset. Woodfine jishaq li s-socjeta konvenuta tant kienet kuntenta bix-xoghol li twettaq, li talbet li ssir it-tieni bicca xoghol.

- *Rebuilding and refitting of a hauler including hydraulic valves amd galvanised steel base* (fattura a fol. 7 datata 30 ta' Lulju, 2016, u ritratti relattivi esebiti bhala Dok. TW2 a fol. 73 tal-process)*;*

Din kienet it-tieni bicca xoghol mitluba mis-socjeta attrici, li kienet tikkonsisti *f'designer built hauler* li kellha tigi manifatturata u nstallata. Waqt li kien ghaddej dan ix-xoghol, intalab il-hlas ghall-ewwel bicca xoghol, li thallset minnufih. Huma kienu jahdmu fuq il-bastiment meta ma kienx ikun qieghed jintuza.

- *The fabrication and fitting of a roller to the stern of the vessel* (fattura a fol. 8 datata 31 ta' Awwissu, 2016 u ritratti relattivi esebiti bhala Dok. TW3 a fol. 92 tal-process)*;*

Waqt li kien ghaddej ix-xoghol fuq dan it-tielet inkarigu, ntalab il-hlas fuq it-tieni bicca xoghol billi nharget fattura ohra, u Sammut talbu ftit cans peress li kien qieghed jistenna li jsir xi hlas lilu. Ma kien hemm ebda ilment fuq il-kwalita tax-xoghol li kien twettaq u Sammut talbu li jkomplu bix-xoghol*.* Il-fattura ta' dan ix-xoghol intbaghtet fl-ahhar, wara li tlesta x-xoghol kollu.

- *The fitting of a clutch and hydraulic pump to the front of the engine* (fattura a fol.9 datata 24 ta' Settembru, 2016)*.*

Is-socjeta konvenuta talbet li jitwettaq ukoll ir-raba' inkarigu li jinstallaw il-pompi fuq il-bastiment, liema xoghol ukoll twettaq u ghalih harget ukoll il-fattura relattiva fl-ahhar. Izda wara li nharget din il-fattura ma semghux aktar minghand is-socjeta konvenuta u r-rapprezentant taghha ma kienx qieghed iwiegeb ghat-telefonati li

bdew jaghmlulu. Meta fl-ahhar irnexxielu jkellem lil Sammut dan qallu li ghalkemm kien kuntent bix-xoghol, dan kien wisq ghali.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kenux ftehmu prezz, Woodfine wiegeb li kienet miftehma verbalment rata ta' €35 fis-siegha, li biha normalment jahdmu, bejn Ryan Curmi (wiehed mill-haddiema tas-socjeta attrici) u David Sammut (ghas-socjeta konvenuta). Jinsisti li qabel qatt ma qalulu li l-prezz kien ghali wisq, peress li wiehed seta' dejjem jiddiskuti l-prezz, izda kienet issir insistenza li jitkomplew ix-xoghlijiet. Jghid li ma kellhomx zmien fiss li fih kellhom ilestu x-xoghol, peress li meta l-bastiment ikun xi ftit qadim, wiehed ma jkunx jaf sew bil-problemi li ser jinqalghu, sakemm ma tibdiex tahdem fuqhom. Jishaq li waqt li kienu qeghdin jigu ezegwiti x-xoghlijiet ma kellhom ebda ilment la fuq il-kwalita tax-xoghlijiet u lanqas fuq in-numru ta' sieghat, li fil-fehma tieghu kienu ragonevoli ghax-xoghol mehtieg. Intalbu li jlestu x-xoghlijiet mill-aktar fis peress li s-socjeta konvenuta kienet tehtieg li tahdem bil-bastiment, u huma wettqu x-xoghol fil-hin l-aktar konvenjenti ghas-socjeta konvenuta, meta ma kienx jintuza l-bastiment. Bhala xoghlijiet jiddeskrivihom bhala kbar, li kienu jehtiegu li jitwettqu fuq perjodu ta' gimghat, b'kollox damu tliet xhur jahdmu fuq il-bastiment, u dan kull meta ma kienx qieghed jintuza. F'dan il-perjodu, s-socjeta attrici qatt ma rceviet talba sabiex jinbidel xi haga jew li jigi rrangat xi zball jew li x-xoghlijiet ma sarux a sodisfazzjon tas-socjeta konvenuta. Jghid li fil-fatt fil-prezent, il-bastiment jahdem. Jispjega li fuq l-ewwel tliet bicciet tax-xoghol kienu hadmu tlieta min-nies (inkluz huwa stess), filwaqt li fir-raba' bicca xoghol kellhom bzonn welder iehor.

Is-socjeta konvenuta ressqet bhala xhud taghha lill-Engineer Paul Cardona, li fuq inkarigu ta' David Sammut, wettaq survey fuq il-bastiment Gold Finder (esebit bhala Dok. PC 1 a fol. 118 *et seq.* tal-process). L-inginier Cardona xehed li l-ilment ta' Sammut kien fis-sens li l-kontijiet li rcieva kienu eccessivi ghax-xoghol li sar u ghalhekk intalab opinjoni. Jispjega li wara li ra x-xoghol, hareg in-numru ta' sieghat li normalment jittiehed sabiex isir dan it-tip ta' xoghol, estimi tal-prezzijiet sabiex isir dak ix-xoghol, a bazi tar-rati fis-siegha li kienu miftehmin, u fuq il-premessa li hafna mill-apparat li gie nstallat kien provdut mis-socjeta konvenuta. Dan dejjem a bazi li nghad lilu mir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta, huwa ma kellem lil hadd da parti tas-socjeta attrici u llimita ruhu ghall-kwistjoni tal-*labour*, peress li kien hemm ftehim

fuq il-materjal. Jippreciza li filwaqt li ma kienx hemm disgwid fuq ir-rata li kienet pattwita, il-kwistjoni kienet ticcentra fuq il-*man hours.* Mir-rapport esebit jirrizulta li fil-fehma tal-inginier Cardona, x-xoghol deskritt lilu kien jehtieg 212 *man hours* li bir-rata ta' €35 fis-siegha, hareg stima ta' €7420 (kumparata mat-talba tas-socjeta attrici ta' 464 *man hours,* li bir-rata ta' €35 fis-siegha wasslu ghal €16,240). Huwa ritenut importanti li fix-xhieda l-istess inginier jikkwalifika din l-istima tieghu ta' sieghat billi jghid:

> Issa din ovvjament din il-figura hija dinja perfetta li kieku ma kienx hemm xkiel etc. Ovvjament jien ma kontx hemm ma nistax nghid kienx hemm. Imma l-istess haga, l-problema hi li l-figura taghtiha iktar mid-doppju, jigifieri ifhimni.

Jinghad ukoll minnu li ghalkemm il-kummenti tieghu huma bbazati fuq il-fatturi mahruga lill-klijent, li fihom id-data u s-sieghat, x'gara u ghaliex dawk is-sieghat, l-istess inginier ma setax jghid u jsibha difficli jaccetta tali kont peress li jonqos id-dettal fih sabiex jiggustifika l-hin li inghad. Jishaq li ghalkemm huwa normali li jkun hemm certu diskrepanza, f'dan il-kaz, id-diskrepanza bejn l-istima ta' sieghat tieghu u dak pretiz mis-socjeta attrici hija kbira. Jghid ukoll li kien hemm certu overlapping ta' xoghol bejn fattura u ohra. L-istess inginier jispjega dak li fil-fehma tieghu kienu xoghlijiet li diga' kienu juru xi difetti, bhall-pompa u l-clutch. Jirreferi ghar-ritratt numru 8 tar-rapport tieghu sabiex jispjega li l-*flexible coupling* hemm hafna *wear* fuqha meta skont il-klijent tieghu din il-hsara kienet ir-rizultat wara uzu ta' tnax-il siegha biss mentri suppost dawn huma maghmulin biex jahdmu mijiet jew eluf ta' sieghat, li tindika li huwa kaz ta' *misalignment* fl-installazzjoni. Jghid li anke jekk hadmet ghaz-zmien kollu bejn meta spiccaw ix-xoghlijiet u meta raha hu, mhux suppost taraha hekk. Fir-ritratti numru 11 u 12 tar-rapport jirrizulta li l-*flexible hoses* ma gewx *secured* sew, peress li saru biss *cable ties,* li dawn jitqacctu maz-zmien. Ezempju iehor hija d-*deck* li thalliet miftuha meta suppost jithalla kollox tight sabiex ma jidholx l-ilma. Mistoqsi minn din il-Qorti jekk iqisx tali difetti bhala minimi, huwa rrisponda li da parti tieghu huwa kieku kien icempel sabiex jirrangawhomlu, li fil-fehma tieghu kien hemm ghoxrin siegha xoghol ohra nvoluta. In kontro-ezami huwa jispjega li huwa gie pprezentat minn David Sammut il-fatturi kollha li rcieva u kellu jipprova jikkalkula jekk is-sieghat mnizzla jiggustifikawx ix-xoghol globali. Fuq dawn huwa tkellem ma' David biss u ma kellimx lill-kaptan jew minn kien qieghed iwettaq supervizjoni tax-xogholijiet da parti tas-socjeta konvenuta.

Xehed permezz ta' affidavit David Sammut u jghid li wara li avvicina lil Ryan Camilleri, da parti ta' Hydrotech Limited, li qallu li jzommu €35 fis-siegha, ghalkemm baqa' jinsisti li jinghata kwotazzjoni, din baqghet ma gietx u bdew ix-xoghlijiet. Filwaqt li l-ftehim kien li l-affarijiet li kien hemm bzonn, Hydrotech kellhom jiehduhom minghand Vella Mechanical Services (VMS), imbaghad huwa jhallas taghhom. Jesebixxi wkoll kopja ta' konversazzjoni telefonika fejn ghall-ispiza tal-*high up* inghata stima ta' bejn €800 u €1,000, bil-materjal u xoghlijiet inkluzi. Izda huwa qalilhom jibdew xoghol iehor u x-xoghol tal-*high up* ihalluh ghall-ahhar. Meta bdew ix-xogholijiet, beda jikkomunika ma' Trevor Woodfine. L-ewwel fattura huwa hallasha u tkomplew ix-xoghlijiet. Fil-kaz tal-*capstan* fejn kellha tinbidel il-bazi u jsir service fuqha, jinghad li kellu komunikazzjoni li din kull ma kellha bzonn kien service normali fuqha. Jispjega li tkomplew ix-xoghlijiet fuq il-manifattura ta' roller u bieba zghira, kif ukoll il-problemi li kellhom bil-*winch* li wassal ghal spiza zejda fil-fehma tieghu, ta' pompa u clutch, li baqghu ma hadmux sew biex jerfa' piz ta' madwar sitt tunnellati. Jghid li xxokkja ruhu meta rcieva l-ahhar zewg fatturi, peress li l-prezzijiet ma kenux jaqblu ma dawk li kien inghata fil-bidu dwar il-*high up* u meta gab zewg stimi, dawn kienu t-tnejn inqas bi tlett kwarti tal-prezz (ara stima esebita bhala Dok. D a fol. 177 fl-ammont ta' €5,369 u ohra ta' €4,950 esebita bhala Dok. E a fol.178). Jilmenta wkoll illi filwaqt li Capstan gdid jiswa €4,800, huwa kien qieghed jintalab s-somma ta' €9,459.01 talli nbidlet il-bazi u sar service. Jghid li huwa lmenta ma' kollega ta' Trevor dwar il-prezzijiet u li huwa dejjem halla persuna jew tnejn mill-haddiema tieghu sabiex jghinu fuq ix-xoghol mehtieg u li s-sighat li tnizzlu fuq il-fatturi mhumiex dawk li persuna kapaci u ntiza ghandha ddum sabiex taghmel dak ix-xoghol, apparti li qatt ma nghata rendikont tas-sieghat imnizzla. Jghid ukoll li huwa pprovda diversi ghodod sabiex jitwettaq ix-xoghol u fl-ahhar jirreferi ghas-*survey* tal-inginier Paul Cardona, dwar is-sieghat, il-hsarat u nuqqas fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet hemm imsemmija.

Xehdu wkoll rapprezentant ta' Transport Malta, kif ukoll rapprezentant tad-Dwana li esebew dokumenti (esebiti bhala Dok. RV1 a fol. 153 u Dok. DS1 a fol. 181 tal-process) li jixhdu l-moviment tal-bastiment Gold Finder bejn l-1 ta' Gunju u 30 ta' Settembru, 2016.

Rega' xehed Trevor Woodfine da parti tas-socjeta attrici fejn dan ipprezenta wkoll risposti (esebit bhala Dok. TW1 a fol. 204 *et seq.* tal-process) ghal dak li jinghad fir-rapport tal-inginier Paul Cardona. Woodfine jixhed li tul l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet, l-aktar li kien ikun hemm prezenti kien il-kaptan tal-bastiment (Nolan) jew xi membru iehor tal-ekwipagg. Fir-risposti tieghu jispjega li meta jahdmu fuq bastimenti li jkollhom certu zmien, ikun impossibli li jaghtu stima minn qabel tal-hin li jollhom bzonn jahdmu fuqhom peress li jiddependi mill-problemi li jinqalghu. Ezempju ta' dan kien il-capstan, peress li xoghol li kien stmat li jiehu siegha, effettivament ha tnejn min-nies erba' sieghat. Jghid li minn ezami tar-rapport ta' Cardona, huwa ovvju li l-inginier ma kienx infurmat bix-xoghol kollu li kien mehtieg fuq il-capstan, fosthom it-tindif tal-*internal components* minn zjut u sadid, li jiehu z-zmien, kif ukoll id-disinjar mehtieg u jsemmi certu dettal ta' elementi li kellhom jigu kkunsidrati f'din il-fazi ta' disinn. L-istess fil-kaz tas-stern roller, oggett tqil li kien jehtieg fil-parti l-kbira, tnejn min-nies jahdmu fuqu, u xi drabi erbgha wkoll (tlieta ta' Hydrotech u membru tal-ekwipagg).

Apparti mix-xoghol imwettaq fil-*work shop,* Woodfine jispjega li hafna mix-xoghol twettaq ix-Xemxija, daqqa vicin l-art, izda drabi ohra f'nofs ta' bahar, f'liema kaz kien jintuza l-*generator* fuq il-bastiment. Jispjega wkoll f'certu dettal ix-xoghol involut fuq il-*hydraulic pump and clutch*, li kien jinkludi t-tnehhija tal-pompa originali tal-bastiment, li ma jissemmix fir-rapport ta' Cardona. Jelenka x-xoghlijiet ta' disinn, kalkoli u nstallazzjonijiet ohra li riedu jsiru fir-rigward u dan fl-istess waqt li l-bastiment ried jintuza mis-sid u ghalhekk kellu jinzamm fi stat li seta' jithaddem. Jikkontesta wkoll li fi zmien madwar erba' xhur, id-*drive coupling* thaddmet biss ghal tnax-il siegha peress li jqis dan inverosimili, kif ukoll jghid li kull ma kien mehtieg kien *re-alignment*, haga li Hydrotech ma setghet qatt taghmel peress li sid il-bastiment qatt ma wiegeb it-telefonati u l-messaggi li ntbaghtulu wara Settembru, 2016. Certu affarijiet kienu wkoll jehtiegu li jittiehdu ghand il-*gritblaster/galvaniser*, minn tnejn min-nies, bhall-pedestal li kien ukoll tqil. Ghalkemm ma kienx qieghed jigi pretiz hlas ghat-trasport, kien qieghed jigi pretiz hlas ghall-hin involut f'dan ir-rigward. Jikkontesta wkoll il-hames ritratt mehud mill-inginier Cardona, safejn jinghad minnu li ma kien hemm ebda bidliet mehtiega lil *framework on the deck,* peress li kien hemm

xoghol involut li jinkludi li jinqata' l-azzar, weldjar, kif ukoll li jtaqqbu xi toqob. Jghid ukoll li l-mutur jew pompa gdida li gabu minghand il-VMS kienet difettuza u ghalhekk kellha tinbidel u regghet giet armata mill-gdid, haga ohra li r-rapport tal-inginier Cardona ma semmiex. Jigi puntwalizzat li ghalkemm l-affarijiet seta' hallas ghalihom sid il-bastiment, kienu l-impjegati tas-socjeta attrici li kienu jaghmlu t-tragitti bejn ix-Xemxija jew Valletta, fejn kien jinsab il-bastiment u Hal-Lija (VMS). Jishaq li x-xoghol li wettqet is-socjeta attrici kien fil-hinijiet konvenjenti ghal sid il-bastiment, li baqa' jahdem bil-bastiment skont il-bzonn tieghu, tant li fl-ahhar tal-gurnata wara li jzarmaw, kien ikollhom jergghu jarmaw kollox, inkluz l-ghodda, li ukoll kien ikontribwixxa ghal certu tul ta' zmien, specjalment meta x-xogholijiet kellhom jitwettqu fuq il-bahar. Fir-rigward tar-ritratti numri 11, 12, 13 u 18 mar-rapport tal-inginier Cardona, dwar "*Hoses secured with cable ties" u "Opened bulkhead fittings",* jinghad minn Woodfine li dan sar fuq struzzjonijiet tas-sid jew tal-ekwipagg minhabba z-zmien u mhux konsegwenza ta' xi nuqqas ta' Hydrotech.

In kontroezami Woodfine jghid li fil-fehma tieghu r-rapport ta' Cardona kien pjuttost teoretiku u mhux prattiku, peress li meta tkun qieghed tahdem fuq bastiment ta' certu zmien, l-affarijiet juruk meta tkun qieghed tahdem fuqhom kemm ser jiehdu hin. Jinsisti li r-rapport ta' Cardona ma hasibx ghaz-zmien kollu li gie ddedikat ghad-disinjar u dan peress li dan ma jissemma bl-ebda mod fir-rapport tieghu, meta minghajr disinn ma setghux jinbnew certu affarijiet, wara kollox huma kienu wkoll *design engineers.* Jispjega li kienu juzaw il-*power supply* jew *generator* tal-bastiment peress li meta kienu jahdmu fuq il-bastiment f'nofs ta' bahar, ma setghux jaghmlu mod iehor u xi kultant dan kien jehtieg li jistennew ftit tal-hin sakemm jibred minhabba *overheating*. Mistoqsi dwar il-hsara fuq il-flexible coupling (fol. 130 tal-process), jinsisti li din ma kenitx konsegwenza ta' tnax-il siegha xoghol, u li din kienet l-ahhar bicca xoghol li ghamlu, li saret a sodisfazzjoni tal-kaptan tal-bastiment. L-allinjament mill-gdid mehtieg ma sarx peress li sid il-bastiment ma baqghax f'kuntatt maghhom. L-istess fil-kaz tal-*bulk head opening*, din thalliet miftuha fuq talba tal-kaptan li qalilhom li kien jonqoshom jghaddu xi wiring. Jinsisti li ma kellhom ebda lmenti dwar ix-xoghlijiet imwettqa, l-problema kienet dwar il-hlas. Dwar l-istima mitluba, Woodfine jispjega li l-uniku stima li kienu taw kienet dik ta' crane li spiccaw qatt ma ghamlu, filwaqt li l-bqija tax-xogholijiet, l-istima miftehma kienet dik ta' €35

fis-siegha. Jinghad ukoll li jekk kemm il-darba sid il-bastiment kellu problema bin-numru ta' sieghat u x-xoghol imwettaq wiehed ma setghax jifhem ir-raguni l-ghala baqa' jqabbadhom aktar xoghol fuq il-bastiment u wara jaqla' problema ladarba x-xoghol tlesta. Ma kienx f'posizzjoni jaghti aktar dettal tax-xoghol imwettaq fis-sieghat imnizzla fil-fatturi.

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt**

In tema legali jibda billi jinghad, illi safejn is-socjeta konvenuta ssostni li r-rikors promotur huwa null in kwantu s-socjeta' attrici mhix debitament rapprezentata kif stabbilit mill-istess Memorandum and Articles of Association taghha, apparti li ma tressqet ebda prova in sostenn ta' din l-eccezzjoni taghha, jigi ribadit illi in konformita mal-gurisprudenza prezenti, l-formalizmu esagerat ghandu jigi eliminat ghall-kollox, b'dan li wiehed ghandu jaghti hafna aktar importanza ghas-sustanza milli ghall-forma, u ghandu jsir kull tentattiv sabiex jigu salvati l-atti gudizzjarji. Il-Qrati ilhom li abbandunaw il-formalizmu eccessiv, in kwantu huwa guridikament accettat li azzjonijiet legali ghandhom jigu salvati, sakemm ma jigix ippruvat li waslu ghal xi ingustizzja lill-parti avversarja li wassluha fl-impossibilta li tiddefendi ruhha sew. Ma jidhirx li dan hu l-kaz tas-socjeta konvenuta u ghalhekk din l-eccezzjoni mhix ritenuta bhala misthoqqa. Inoltrè jigi osservat ukoll li mhux kontestat li s-socjeta konvenuta hallset l-ewwel fattura kif mahruga minn Hydrotech-Malta Co. Ltd. minghajr problemi, kwindi s-socjeta konvenuta kienet qeghda taghraf lil din is-socjeta bhala kreditrici taghha u mill-istess xhieda ta' David Sammut, jirrizulta li wara li bdew ix-xogholijiet, huwa kien jikkomunika ma' Trevor Woodfine, in rapprezentanza tal-istess socjeta attrici.

Fil-mertu tal-kaz, ghalkemm mhux ikkontestat li s-socjeta attrici kienet inkarigata twettaq numru ta' xoghlijiet fuq il-bastiment Gold Finder, u dan mir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta, din ta' l-ahhar tipprova tiggustifika n-nuqqas taghha li thallas ghas-servizzi moghtija peress li tghid li x-xoghol ma sarx skont l-arti u sengha u l-ammont pretiz huwa eccessiv. Mhux kontestat li s-socjeta attrici thallset ghax-xoghol kif rizultanti mill-ewwel fattura u minn din il-fattura li thallset, tabilhaqq jirrizulta li r-rata pattwita kienet dik ta' €35 fis-siegha (oltre l-VAT). Ghad baqa' pendenti t-tliet fatturi mahruga sussegwentement ghax-xoghlijiet hemm imsemmija, li twettqu fuq

inkarigu tal-istess socjeta konvenuta. Il-bazi tal-eccezzjoni principali tas-socjeta konvenuta hija dik ta' *exceptio non adimplenti contractus.*

Kif inghad minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza taghha, tal-25 ta' Settembru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Bonello noe vs Phoenix Co. Ltd.:**

> Illi f'materja ta' kuntratti, il-ligi taghmilha cara li fejn persuna ma twettaqx obbligazzjoni li biha ntrabtet li taghmel xi haga, il-kreditur taghha jista' jigi moghti s-setgha li jiehu hsieb iwettaqha hu bi spejjez tad-debitur (art. 1127 tal-Kap. 16). Tghid ukoll li min jonqos li jwettaq obbligazzjoni li ntrabat biha, obbligat ihallas id-danni (art. 1125 tal-Kap. 16), li ghandhom jaghmlu tajjeb ghat-telf li l-persuna l-ohra tkun garrbet u l-qligh li tkun tilfet (art. 1135 tal-Kap. 16). Jekk in-nuqqas ta' twettiq kien kagunat minn ghamil doluz tad-debitur, ghat-telf ta' qligh ghandhom jiddahhlu biss dawk id-danni mgarrbin mill-parti kreditrici li jkunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni (art. 1137 tal-Kap. 16);
>
> Illi madankollu, biex jinghata lok ghall-eccezzjoni tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni (*exceptio inadimpleti contractus*) jehtieg l-ewwelnett li jkun hemm rabtiet jew obbligazzjonijiet bejn iz-zewg partijiet imnisslin mill-istess rapport sinallagmatiku (ara, per ezempju, **St Andrew's Farm & Building Co Ltd vs Henry Sultana***,* PA 26/04/2002). Minbarra dan, jehtieg li l-gudikant ikun soddisfatt li hemm proporzjon bejn l-inadempjenza li biha l-kreditur ikun mixli u dik rifjutata mid-debitur tal-obbligazzjoni. Fuq kollox, in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jrid ikun jahti ghaliha l-kreditur tal-obbligazzjoni nnifsu u tkun ta' certa gravita [**Aquilina utr** (App 12/03/1965, Kollez. Vol: XLIX.518)]

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, kien jispetta lis-socjeta konvenuta tressaq provi konvincenti dwar in-nuqqasijiet li hija zzomm lis-socjeta attrici responsabbli ghalihom, sabiex tikkonvinci lil din il-Qorti dwar l-allegata inadempjenza tas-socjeta attrici sabiex tiggustifika n-nuqqas taghha li thallas. Ma tressqu ebda provi li s-socjeta konvenuta ressqet ilmenti fil-konfront tas-socjeta attrici dwar l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet waqt li kienu ghaddejjin ix-xogholijiet. Din il-Qorti hija tal-fehma li ma jkunx gust u ekwu li s-socjeta` attrici tibqa` bla hlas ghas-servizzi moghtija u ghall-ispejjez maghmula minnha. Dan jinghad, primarjament peress illi s-socjeta attrici proprju thalliet tahdem fuq il-bastiment tas-socjeta konvenuta, minghajr ebda hjiel ta' ilmenti waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet li saru fuq medda ta' tliet xhur, anzi ntalbet li tlesti x-xoghlijiet mill-aktar fis. Izda mbaghad, is-socjeta konvenuta lmentat dwar il-kwalita tax-xoghol u l-bilanc tal-prezz mitlub, ferm wara, meta s-socjeta attrici bdiet tinsisti ghall-hlas.

Mhux imholli li parti tiftiehem prezz jew rata ta’ hlas, thalli li x-xoghol jigi ezegwit u imbaghad tilmenta dwar il-prezz eccessiv wara li jitlesta x-xoghol. Jekk is-socjeta konvenuta ma kenitx kuntenta bir-rata tal-prezz pretiz mis-socjeta attrici, jew bin-numru ta’ sieghat li din kienet qeghda tiehu sabiex twettaq l-inkarigu taghha, hija setghet liberalment tfittex prezz ahjar jekk dehrilha li kien il-kaz, jew tipprova tinnegozja ftehim aktar car li x-xoghol kellu jitwettaq f’numru specifikat ta’ sieghat jew ghal prezz fiss. Kien ikun utli ghas-socjeta konvenuta li tfittex stimi minghand diversi kuntratturi qabel ma tat l-inkarigu lis-socjeta attrici u mhux wara li tlestew ix-xogholijiet sabiex tikkontesta l-hlas fuq il-pretiza li l-hlas mitlub kien esagerat. Izda mhux ritenut gust li s-socjeta konvenuta qabdet lis-socjeta attrici xejn anqas minn erba’ inkarigi differenti, thalliha twettaq ix-xoghol kollu, u dan fil-presenza tal-haddiema taghha stess, li setghu facilment jissorveljaw ix-xoghol li kien qieghed jitwettaq mis-socjeta attrici, imbaghad ma thallasx fuq il-pretensjoni li l-prezz mitlub jew in-numru ta’ sieghat kien eccessiv. Din il-Qorti tosserva li Sammut jilmenta b’mod partikolari fir-rigward tat-tieni fattura li jqis li hija esagerata. Madankollu baqa’ ghaddej bl-inkarigu moghti lis-socjeta attrici. Is-socjeta konvenuta setghet facilment twaqqaf ix-xoghol f’dak l-istadju, jekk kemm-il darba rriteniet il-pretensjonijiet tas-socjeta attrici bhala esagerati jew li x-xogholijiet ma kenux qeghdin jitwettqu ghas-sodisfazzjon taghha. Izda s-socjeta konvenuta halliet lis-socjeta attrici ghaddejja bix-xoghol u ressqet l-ilmenti taghha wara li tlestew ix-xogholijiet.

Fil-verita s-socjeta konvenuta ma ressqet ebda prova ta’ nuqqas gravi da parti tas-socjeta attrici li jxejjen ir-rabta kuntrattwali jew li jiggustifika n-nuqqas taghha li thallas l-ahhar tliet fatturi. Fi kliem l-espert imqabbad minnha, x-xoghol rimedjali seta’ jitwettaq fuq medda t’ghoxrin siegha, dan mhux meqjus xi nuqqas sostanzjali meta wiehed iqis l-estent tax-xogholijiet li twettqu. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, tali nuqqasijiet mhumiex meqjusa ta’ natura sostanzjali, li jista’ jinghad li s-socjeta attrici kienet inadempjenti, izda tibqa’ obbligata li taghmel tajjeb ghal tali nuqqasijiet, jew taccetta tnaqqis f’dak li jisthoqqilha bhala hlas. L-ghazla f’dan il-kaz, tispetta lis-socjeta konvenuta li ladarba qeghda tippretendi tnaqqis fil-prezz, ser jittiehed kont taz-zmien li l-inginier Cardona kkalkula li jkun mehtieg li jsir ix-xoghol rimedjali, ta’ 20 siegha li

kalkolati bir-rata ta' €35 fis-siegha, ser isir tnaqqis ta' €700 mill-ammont mitlub mis-socjeta attrici, dan sabiex isiru x-xoghlijiet rimedjali mehtiega.

Fil-fatt huwa principju assodat ukoll li f'kaz ta' inadepmjenza kuntrattwali, ghandu jkun hemm proporzjon bejn l-inadempjenza li biha l-appaltatur jew kreditur ikun mixli biha u r-rifjut tad-debitur li jhallas dak dovut minnu. Kif inghad mill-Qorti tal-Appell Superjuri, fis-sentenza taghha tas-27 ta' Frar, 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Intercomp Limited vs Boris Arcidiacono Limited:**

> Jinsab spjegat mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (27 ta' Settembru 1999, numru 10668) illi, "nei contratti con prestazioni corrispettive, ove una delle parti giustifichi la propria inadempienza con l' inadempimento dell' altra, il giudice deve procedere alla valutazione comparativa dei comportamenti, tenendo conto non solo dell' elemento cronologico ma anche e soprattutto dei rapporti di proporzionalita e corrispettivita` esistente tra le prestazioni inadempiute, per stabilire se l' inadempimento o la prospettiva di inadempimento di una parte giustifichi il rifiuto di esecuzione della prestazione dovuta dall' altra; a tal fine il giudice non deve avere riguardo alle sole obbligazioni principali dedotte in contratto (e cioe`, nell' appalto, il pagamento del compenso, per il committente ed il compimento dell' opera, per l' appaltatore), ma anche a quelle secondarie cui le parti, nell' esplicamento delle lore autonimie contrattuale, abbiano attribuito carattere di essenzialita` sul piano sinallagmatico;

In kwantu ghad-diskrepanza fis-sieghat kif komputati mis-socjeta attrici u dawk stmati mill-inginier inkarigat mis-socjeta konvenuta, din il-Qorti tinsab sodisfatta bl-ispjegazzjoni moghtija mis-socjeta attrici. Dan jinghad peress li r-rapport tal-inginier Cardona jinsab kwalifikat meta jinghad minnu: *"… ovvjament din il-figura hija dinja perfetta li kieku ma kienx hemm xkiel etc. Ovvjament jien ma kontx hemm ma nistax nghid kienx hemm."* Tabilhaqq l-inginier Cardona ma kienx hemm u l-uniku persuna li kellem kien lil David Sammut da parti taas-socjeta konvenuta, la kellu l-opportunita jkellem lill-haddiema tas-socjeta konvenuta bhall-kaptan jew il-membru tal-ekwipagg li ghamlu s-sorveljanza u assistew ghax-xogholijiet u wisq anqas lil xi rapprezentant tas-socjeta attrici. Ic-cirkostanzi li kellha tahdem fihom is-socjeta attrici altru milli kienu perfetti. Ma jidhirx li huwa kontestat li x-xoghol fuq il-bastiment sar skont l-esigenzi tas-sid, fejn kif jirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentanti tad-Dwana u tat-Trasport Malta, il-bastiment baqa' jopera waqt ix-xhur li fih kienu qeghdin isiru x-xoghlijiet fuqu. Dan mhux kaz fejn is-socjeta attrici hadet in konsenja l-bastiment, wettqet ix-

xoghol f'salt wiehed u daqshekk, izda kien hemm tragitti kontinwi sabiex ix-xoghol tfassal skont l-esigenzi tas-sid, jekk hux il-Marsa jew ix-Xemxija, jekk hux trakkat mal-moll jew f'nofs ta' bahar. Huwa logiku li s-socjeta attrici ghandha tithallas ghal dak il-hin li hija ddedikat sabiex takkomoda lis-socjeta konvenuta. Ma gie pprezentat ebda haddiem tas-socjeta konvenuta prezenti waqt ix-xogholijiet sabiex jixhed, li b'xi mod jikkontradici dak li nghad mir-rapprezentant tas-socjeta attrici.

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tinsab konvinta li l-pretensjonijiet tas-socjeta attrici jimmeritaw li jintalqghu peress li ma saritx prova ta' raguni valida mis-socjeta konvenuta, li tiggustifika n-nuqqas ta' hlas da parti taghha (salv it-tnaqqis li ssemma' qabel).

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif inghad, u tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' €18,385.07, bl-imghaxijiet legali skont il-ligi. Spejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mis-socjeta konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur